MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Rikors Numru. 11/2004/1

Rikors Nru: 11/2004

Maria Stivala

vs

Kummissarju ta' l-Artijiet

Il-Bord,

Ra r-rikors tar-rikorrenti Maria Stivala pprezentat fit-22 ta' Ottubru 2004 fejn esponiet:

Illi f'din il-kawza l-esponenti talbet li tinghata kumpens ghal proprjeta' li ttiehdet minghandha taht l-iskema maghruha bhala *Building Development Act* cioe' Att 1 ta' l-1983 u taht din il-ligi hija, minbarra l-kumpens lilha pagabbli, kellha d-dritt li taghzel *plot* wiehed sabiex fih hija tkun tista' tibni dar tar-residenza ghaliha nnifisha.

Illi effettivament mis-sentenza fuq imsemmija, jirrizulta li l-esponenti ghazlet *plot* izda l-*plot* ma nghatax lilha u l-Bord stabilixxa l-kumpens ghal dan in-nuqqas fis-somma ta’ hamest elf lira Maltin (Lm5,000).

Izda l-Bord naqas milli jistabilixxi l-kumpens dovut lill-esponenti ghal kumplament tal-proprjeta’ u ghalhekk is-sentenza hija wahda *ab ommissa decisione.*

Ghaldaqstant a tenur tad-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 235 tal-Kodici ta’ l-Organizzazzjoni u Procedura Civili l-esponenti titlob li l-kawza terga’ tigi appuntata ghas-smiegh sabiex tinghata sentenza anke fuq il-kumplament dovut lill-esponenti u dan taht dawk id-disposizzjonijiet li l-Bord jidhrulu xierqa u opportuni.

Ra d-digriet tieghu tad-9 ta’ Frar 2005 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Jaccarini u l-AIC David Pace.
Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-atti tar-rikors 6/1997 u s-sentenza tieghu.

Ra r-relazzjoni tal-periti li minnha jirrizulta li l-art de quo fiha cirka sitt itmiem, kienet agrikola fiz-zmien li saret l-esproprjazzjoni u wara li ghamlu t-tnaqqis dovut stmawha fl-ammont ta’ Lm11,500 u dan skond l-Att 1 tal-1983.

Ghalhekk a tenur tal-Att Nru 1 tal-1983 u l-Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta (l-Att 1 tal-1983 gie mibdul wara li ttiehdet l-art bl-Att X tal-1988 u bl-Att 1 tal-1992) jiffissa l-valur fl-ammont ta’ Lm11,500 u jikkundanna lill-intimat ihallas dan l-ammont lir-rikorrenti bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ l-esproprjazzjoni u billi hu xieraq jordna li jsir att pubbliku minn Nutar Vincent Miceli jew minn nutar li jkun qed jaghmilha floku bhal nutar tal-intimat nhar l-Erbgha 17 ta’ Jannar 2007 fil-11:00a.m. fl-ufficcju tar-rikorrent u jahtar lid-Dottoressa Charmaine Zammit biex tidher fuq l-att ghal kontumaci; L-ispejjez ta’ din il-procedura u tal-pubblikazzjoni jithallsu mill-intimat (jekk l-att pubbliku ordnat bis-sentenza tal-11 ta’ Ottubru 2004, ghadu ma sarx jista’ jigi msieheb ma’ dan.)

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------